



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5579/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0006(NLE)

FISC 51
ECOFIN 49

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 9 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lil-Litwanja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 9 final.

Mehmuż: COM(2019) 9 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.1.2019
COM(2019) 9 final

2019/0006 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lil-Litwanja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193
tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva tal-VAT"), huwa u jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Fis-16 ta' Ottubru 2018, permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni, il-Litwanja talbet deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għad-diski riġidi. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Litwanja, permezz ta' ittri bid-data tad-19 ta' Novembru 2018. Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-persuna taxxabbli li tforni merkanzija jew servizzi, normalment tkun dik responsabbli mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

Il-Litwanja talbet deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT skont l-Artikolu 395 ta' dik id-Direttiva biex tkun awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-konsenji tad-diski riġidi li mhumiex koperti mill-Artikolu 199a tad-Direttiva tal-VAT. Skont din il-proċedura, il-persuna taxxabbli, li lilha jsir il-forniment, issir responsabbli biex tħallas il-VAT. Din il-persuna taxxabbli, sakemm ikollha dritt sħiħ ta' tnaqqis, tiddikjara u tnaqqas simultanament il-VAT skont il-forniment, b'hekk twassal għal nuqqas ta' ħlas effettiv tal-VAT lit-Teżor.

Il-Litwanja skopriet il-frodi tal-VAT fis-settur tal-prodotti elettroniċi bħal-laptops, it-telefowns ċellulari, it-tablets u d-diski riġidi. Dawn l-oġġetti jinkisbu minn Stati Membri oħra u, qabel ma jiġu fornuti lill-bejjieġha bl-imnut jew direttament lill-konsumaturi, iseħħu bosta tranżazzjonijiet bejn negozjanti neqsin li ma jħallsux il-VAT lit-Teżor. Kontrolli li twettqu fil-Litwanja wrew li fil-perjodu tal-2016 u l-2017 x'aktarx li kien hemm madwar sitt (6) miljun EUR ta' taxxa li ma thallsix fuq il-prodotti elettroniċi, u dan huwa telf sinifikanti għall-baġit tal-Istat.

Il-Litwanta wettqet għadd ta' miżuri biex tindirizza u tipprevjeni l-frodi tal-VAT. Minn Ottubru 2016, kull min iħallas il-VAT fil-Litwanja huwa obligat li kull xahar idaħħal fis-sottosistema ('i.SAF') iddedikata għall-fatturi elettroniċi tas-sistema amministrattiva intelliġenti ('i.MAS'), l-informazzjoni dwar il-fatturi tal-VAT li jkun irċieva u li jkun ħareġ, u dan jgħin lill-awtoritajiet jidentifikaw id-differenzi bejn id-data ddikjarata mill-kontribwenti tal-VAT u l-ammonti ta' taxxa li ma jiġux iddikjarata f'waqthom. Barra minn hekk, fis-sottosistema tal-i.MAS iddedikata għan-noti ta' konsenja elettroniċi ("i.VAZ") trid tiddaħħal l-informazzjoni li jkun hemm fid-dokumenti tat-trasport tal-merkanzija li tispeċifika l-merkanzija li qed tinġarr, il-konsenjaturi u d-destinatarji, qabel ma tiġi ttrasportata l-merkanzija fit-territorju tal-Litwanja. Din l-informazzjoni operazzjonali li tinġabar mill-Ispettorat tat-Taxxa Statali tintuża wkoll biex tidentifika każijiet ta' frodi potenzjali jew biex jiġu skoperti malajr oġġetti involuti f'katina frodulenti.

Minkejja l-miżuri kollha introdotti fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, l-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja turi li dawn il-miżuri mhumix biżżejjed biex jipprevjenu l-frodi tal-VAT fil-forniment tal-prodotti elettroniċi. Il-Litwanja hija tal-fehma li l-introduzzjoni ta' reverse charge fis-settur ikkonċernat hija meħtieġa.

Il-Litwanja għandha l-ħsieb li tintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-prodotti elettroniċi skont l-Artikolu 199a tad-Direttiva tal-VAT. Iżda d-diski riġidi mhumix inklużi f'dan l-artikolu. Il-Litwanja ssostni wkoll li l-esperjenza fi Stati Membri oħra turi li wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-prodotti elettroniċi koperti mill-Artikolu 199a tad-Direttiva tal-VAT, il-frodi tiġi diretta lejn prodotti elettroniċi oħra.

Għaldaqstant il-Litwanja qed titlob biex tkun awtorizzata li tintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għad-diski riġidi wkoll abbażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Minħabba l-impatt pożittiv potenzjali tal-miżura fil-ġlieda kontra l-frodi skoperta mil-Litwanja, qed jiġi propost li tingħata deroga għal perjodu limitat, mill-1 ta' Marzu 2019 sat-28 ta' Frar 2022. Waqt il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura ta' deroga l-Litwanja jeħtiġilha tintroduċi miżuri konvenzjonali oħra sabiex tikkontrolla u tipprevjeni b'mod effettiv il-frodi fil-forniment tad-diski riġidi. Għalhekk ma għandux ikun hemm aktar ħtieġa għal deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-konsenji tad-diski riġidi.

Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti f'dan il-qasam ta' politika

Derogi simili li għandhom x'jaqsmu mal-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT ingħataw lil Stati Membri oħra.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Meta wieħed iqis id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta tidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar fiskali f'settur speċifiku.

• Għażla tal-istrument

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument addattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mil-Litwanja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandha l-għan li tipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa fis-settur tad-diski riġidi. Il-mekkaniżmu tar-reverse charge għandu jgħin lil-Litwanja biex tipprevjeni l-frodi tal-VAT fis-settur tad-diski riġidi. B'riżultat ta' dan, il-miżura ta' deroga se jkollha impatt potenzjali pożittiv.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni strett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, l-impatt negattiv, li jikkonsisti minn iktar piż amministrattiv għan-negozji li jittrattaw il-prodotti elettroniċi, xorta waħda se jkun limitat.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta mhix se jkollha impatti negattivi fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni stabbilita għat-28 ta' Frar 2022.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil-Litwanja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jistipula li persuna taxxabbli li tipprovdi l-oġġetti jew is-servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli biex tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018, il-Litwanja talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-konsenji ta' diski riġidi.
- (3) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' ittri bid-data tad-19 ta' Novembru 2018 bit-talba li saret mil-Litwanja. Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.
- (4) Il-Litwanja skopriet li kienet qed issir frodi tal-VAT b'negozjanti nieqsa fis-settur tal-prodotti elettroniċi bħal laptops, telefowns ċellulari, tablets u diski riġidi. Id-daqs u l-ambitu ta' din il-prattika għandhom impatt dirett u negattiv ħafna fuq il-baġit tal-istat.
- (5) Il-Litwanja wettqet għadd ta' miżuri li jindirizzaw u jipprevjenu l-frodi tal-VAT. Skont il-Litwanja dawk il-miżuri ma humiex biżżejjed biex jipprevjenu l-frodi tal-VAT fil-forniment tal-prodotti elettroniċi.
- (6) Il-Litwanja bi ħsiebha tintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-prodotti elettroniċi abbażi tal-Artikolu 199a tad-Direttiva 2006/112/KE. Madankollu, d-diski riġidi mhumiex inklużi f'dak l-artikolu.
- (7) Biex tkun tista' tipprevedi forma aktar komprensiva tal-mekkaniżmu tar-reverse charge li jkun japplika mhux biss għall-prodotti elettroniċi diġà permessi mill-Artikolu 199a tad-Direttiva 2006/112/KE, iżda wkoll għad-diski riġidi, il-Litwanja qed titlob li tkun awtorizzata tintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-konsenji tad-diski riġidi abbażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE.

¹ ĠU 347, 11.12.2006, p. 1 .

- (8) Minħabba l-impatt pożittiv li jista' jkollha l-miżura speċjali fil-ġlieda kontra l-frodi identifikata mil-Litwanja, jenħtieġ li d-deroga tingħata għall-perjodu limitat tal-1 ta' Marzu 2019 sat-28 ta' Frar 2022.
- (9) B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' deroga hijiex xierqa u effettiva. Id-derogi jagħtu ż-żmien lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra biex jindirizzaw il-problema rispettiva sakemm tiskadi l-miżura ta' deroga, u b'hekk ma jibqax il-bżonn tal-estensjoni tad-deroga. Id-deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss f'każi eċċezzjonali għal oqsma frodulent i speċifiċi u għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Litwanja timplimenta miżuri konvenzjonali oħrajn biex tiġġieled u tipprevjeni l-frodi tal-VAT fis-settur tad-diski riġidi sal-iskadenza ta' din id-deroga u b'hekk ma jkollhiex bżonn tkompli tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-konsenji tad-diski riġidi.
- (10) Il-miżura speċjali mhi se jkollha ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Litwanja hija awtorizzata tappunta lir-riċevitur ta' konsenja bħala l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fil-każ tal-konsenji tad-diski riġidi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2019 u għandha tiskadi fit-28 ta' Frar 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*